**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**kontra**

**TARCEN DEBONO**

**(ID 69296(M))**

Kaz Nru.: 18/2018

**Illum, 25 t' April 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Tarcen Debono, iben Martin u Josephine nee' Agius, imwieled il-Pieta' nhar is-17 ta' Jannar 1996 residenti gewwa Okella Agius, Flat 12, Triq Hal-Qormi, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0069296(M), akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-30 ta' Gunju 2017 u/jew fil-gimghat ta' qabel:

1. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew biccha minnha bi ksur ta' l-artikolu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda,

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2022 l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni huwa tenna wara li nghata bizzejjed zmien sabiex jirrikunsidra l-istess;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-piena;

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni gew pruvati skond il-ligi.

Illi mill-provi li tlahqu tlestu f'din il-kawza, partikolarment mix-xhieda tal-ispettur Kevin Pulis jirrizulta li l-ammont ta' droga nvoluta fil-kaz odjern kienet dik ta' madwar 0.915 grammi tal-pjanta Cannabis u 13.81 grammi tar-raza Cannabis.

Illi fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti, hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi u n-natura tar-reati li taghhom l-imputat qed jinsab hati inkluz in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern liema ammont fit-totalita' tieghu jeccedi is-7 grammi izda mhux it-28 gramma. F'dan ir-rigward dina l-Qorti ser tqis ukoll l-emendi ntrodotti permezz tal-artikolu 4A tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ser tqis ukoll il-fatt li  l-imputat rregistra ammissjoni li ghalkemm ma tistax titqies bhala wahda bikrija, sal-istadju li giet irregistrata l-istess ammissjoni l-prosekuzzjoni lahqet resqet biss prova wahda. Il-Qorti ser tqis ukoll il-fedina penali tal-imputat.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-artikoli articles 8(a), 8(d), u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qeghda issib lill-qua imputat Tarcen Debono hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qeghda tikkundanah ghal penali ta' sebghin Ewro (Eur.70).

Il-Qorti qeghda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar r-reat u tordna ukoll d-distruzzjoni tad-droga (Dok. KP), hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, b'referenza ghat-talba tal-prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali, dina l-Qorti qed tichad l-istess galadarba fil-proceduri odjerni ma jirrizultawx li inhatru esperti.